ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv



Rotta 3

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IT-TMIEN SENA IL-MALTI (L-ORAL) KARTA 1

IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

1A: Il-Qari Mgħajjat 2 minuti / 5 marki

***L-eżaminatur jagħżel biċċa mis-silta u jistieden lill-istudent/a j/taqraha*.**

Is-silta: F'XIFER L-ABBISS

Ben ħareġ it-torċ u żammha f'idu l-ħin kollu. Xi kultant beda jixgħelha ftit sekondi biex jara li għad hemm triq quddiemhom. Qatt ma ssogra jħalliha mixgħula għal ħin twil għax inkella żgur seta' jiġbed l-attenzjoni fuqhom.

U fid-daqqa u l-ħin beda l-krib, l-inbiħ u tnehid tal-klieb. Maħkum mill-biża', Ben xegħel it-torċ quddiemu u xtaq li qatt ma xegħelha. Għexieren t'għajnejn feroċi nqabdu jibbru f'dik il-leħħa dawl. Taħt kull par għajnejn ħodor kien hemm xedaq snien ippuntati, il-bżieq iliegħeb minn ġo kull wieħed. Kienu dawruhom dawramejt.

L-inbiħ kien itarrax, it-tgergir qawwi daqs ir-ragħad. Il-klieb taw is-salt kollha f'daqqa mingħajr lanqas biss tawhom ċans jaħsbu jew jagħmlu xi ħaġ'oħra. Tefa d-dawl imma induna li kien għalxejn, għalhekk fl-istess sekonda reġa' xegħlu u sab ma' wiċċu kelb enormi bix-xedaq miftuħ beraħ, lest biex jaħtaflu wiċċu sħiħ...

... u waqfu zoptu. Il-klieb kollha waqfu fejn kienu u qabdu jingħu qishom imsawtin. B'denbhom bejn saqajhom, daru u telqu kollha lura minn fejn kienu ġew.

Jitriegħed u miblugħ, Ben baqa' b'ħalqu miftuħ, għadu ma jistax jemmen li ħelisha minn ħalq il-mewt fil-veru sens tal-kelma. Dar dawra sħiħa bid-dawl tat-torċ 'il quddiem. Ma kienx hemm ħjiel ta' kelb wieħed. Minn warajh, Nel qallu jitfi, u ntebaħ li r-raġel kellu raġun. Id-dawl mhux klieb biss seta' jiġbed lejhom.

X'ġara eżatt, staqsa lid-dlam ta' madwaru. U d-dlam wieġbu minnufih b'leħen mhux tas-soltu.

(Silta addattata minn *It-Taàr – Distopja, L-Ewwel Ktieb* ta' John A Bonello)

1B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

L-għalliema huma mistennija jistaqsu dawn il-mistoqsijiet dwar is-silta. Taħt kull mistoqsija jidhru xi tweġibiet ta' gwida għall-għalliema iżda aċċetta tweġibiet oħra li jagħmlu sens.

1. Minn dak li qrajt għaliex taħseb li s-silta jisimha 'F'Xifer l-Abbiss'?

   Ben kien imdawwar minn għadd ta' klieb slavaġ u fferoċjati li kienu ser jattakkawh u għalhekk kien f'ħalq il-mewt.

2. Tkellem dwar it-ton u l-vokabularju li bih huma miktubin it-tieni u t-tielet paragrafu.

   Huma miktubin b'ton ta' biża'. Is-sitwazjoni deskritta, il-vokabularju u l-espressjonijiet użati jgħinu biex jissawwar dan it-ton. Fost oħrajn nistgħu nsemmu l-kliem "krib", "tnehid", "feroċi", "snien ippuntati", "inbiħ itarrax" u "tgergir qawwi daqs ir-ragħad".

3. Tkellem fuq il-kuntrast li nsibu bejn it-tielet u r-raba' paragrafu.

   Filwaqt li fit-tielet paragrafu l-klieb jidhru aggressivi, ifferoċjati u qattiela, fir-raba' paragrafu jidhru mansi, ikkontrollati u msawtin.

4. X'taħseb li ried ifisser l-awtur bis-sentenza, "Ma kienx hemm ħjiel ta' kelb wieħed"?

   Li l-klieb kollha li kienu jdawru lil Ben ħarbu/għebu/sparixxew.

5. X'effett iħalli l-kliem 'krib', 'inbiħ', u 'tnehid' li nsibu fil-bidu tat-tieni paragrafu.

   Joħolqu ton u atmosfera ta' biża' u taqtigħ il-qalb u jgħinu lill-qarrej jifhem aktar is-sitwazzjoni mwiegħra li Ben kien jinsab fiha.

1Ċ: It-Taħdit: Diskussjoni dwar Tema 4 minuti / 5 marki

Tkellem dwar esperjenza kerha jew tal-biża' li għaddejt minnha int jew xi ħadd li taf.

L-għalliema huma mistennija jistiednu lill-istudenti jagħmlu taħdita fuq is-suġġett. Jistgħu jintużaw dawn il-punti biex jgħinu lill-istudenti fl-iżvilupp tat-taħdita.

- *Xi tfisser għalik esperjenza kerha jew tal-biża'?*
- *Irrakkonta fil-qosor esperjenza kerha (li għaddejt minnha int jew li qrajt/smajt fuqha) li ma tinsieha qatt.*
- *Taħseb li esperjenza kerha tibqa' taffettwak għal ħajtek kolllha jew tinsieha wara ftit?*